



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

9258/1/22
REV 1

DATA PROTECT 163
JAI 699
ENFOPOL 286
COPEN 203
RELEX 685
TITULAIRES 2
POLCOM 37

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Trasferimenti ta' data personali - dokument tal-Presidenza

Bil-ħsieb tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2022, id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument imsemmi hawn fuq.

F'dawn l-aħħar deċennji, it-trasferimenti ta' data personali saru sfida ekonomika, ta' sigurtà u strateġika ewlenija. Bl-adozzjoni tar-Regolament Ewropew dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi fl-2016, l-Unjoni Ewropea ssupplimentat u kkonsolidat qafas legali Ewropew dwar il-protezzjoni tad-data li kien diġà innovattiv u għamlitu standard globali.

Il-mudell Ewropew tat-trasferimenti ta' data personali

Fir-rigward tat-trasferimenti internazzjonali, is-sett ta' għodod stabbilit mit-testi Ewropej fih strument ewleni, id-deċiżjoni ta' adegwatezza. Huwa strument legali uniku u oriġinali: ir-riżultat ta' negozjati bilaterali, dan mhuwiex ftehim internazzjonali, iżda deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, adottata wara li rċeviet opinjoni mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u wara proċedura li involviet lill-Istati Membri fil-qafas tal-komitoloġija. Il-Parlament Ewropew huwa wkoll attent ħafna għall-ħidma f'dan il-qasam.

L-aktar eżempju magħruf ta' deċiżjoni ta' adegwatezza huwa l-*Privacy Shield*. Fil-fatt, it-trasferimenti ta' data mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti jirrappreżentaw kemm ammont konsiderevoli ta' trasferimenti, kif ukoll sfida ekonomika u ta' sigurtà kbira fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku. Huwa għalhekk li, f'materji kummerċjali, l-invalidazzjoni sussegwenti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ta' *Safe Harbor* fl-2015¹, u mbagħad ta' *Privacy Shield* f'Lulju 2020² kellhom reżonanza qawwija fiż-żewġ kontinenti.

¹ Sentenza Schrems I C-362/14 mogħtija mill-QĠUE fis-6 ta' Ottubru 2015.

² Sentenza Schrems II C-311/18 mogħtija mill-QĠUE fis-16 ta' Lulju 2020.

Fil-25 ta' Marzu 2022, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-President tal-Istati Uniti ħabbru li wara kważi sena ta' negozjati, kien intlaħaq ftehim "fil-prinċipju" dwar il-linji ġenerali tar-riformi regolatorji meħtieġa fl-Istati Uniti biex jintlaħaq il-livell ta' garanzija meħtieġ għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' adegwatezza ġdida li tippermetti t-trasferiment ta' data personali lil kumpanniji ċertifikati fl-Istati Uniti. Deċiżjoni ta' adegwatezza tista' tiġi adottata mill-Kummissjoni jekk, f'konformità mar-rekwiżiti mfakkra mill-QĠUE, jiġu pprovduti biżżejjed garanziji għall-konformità mal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward tal-aċċess għad-data mill-awtoritajiet pubbliċi, u jekk jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rimedju miftuħ għaċ-ċittadini u r-residenti Ewropej li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-għan huwa li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni li d-data tagħhom tiġi trasferita. L-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni hija sfida ewlenija għall-Unjoni Ewropea: fil-fatt l-għan huwa li jintlaħaq ftehim li jippermetti lill-atturi ekonomiċi jkomplu l-attivitajiet tagħhom, f'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Hemm ukoll diversi deċiżjonijiet oħra ta' adegwatezza attwalment fis-seħħ:

- 11-il deċiżjoni ta' adegwatezza ġew adottati mill-Kummissjoni skont il-liġi ta' qabel il-GDPR³;
- Mid-dħul fis-seħħ tal-GDPR ġew adottati erba' deċiżjonijiet ta' adegwatezza: tlieta jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR, relatati ma' trasferimenti lejn il-Ġappun, ir-Renju Unit u l-Korea t'Isfel, u waħda adottata skont id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi għal trasferimenti lejn ir-Renju Unit.

³ https://ec.europa.eu/info/law/law-topic/data-protection/international-dimension-data-protection/adequacy-decisions_en/ - Andorra, Argentina, Guernsey, Gżejjer Faeroe, Isle of Man, Izrael, Jersey, Kanada, New Zealand, Żvizzera, Urugwaj

Dawn id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza huma għodda importanti għall-promozzjoni tal-mudell Ewropew; huwa sinifikanti wkoll li wieħed jinnota li diversi Stati żviluppaw għodod ta' trasferiment simili fid-dritt domestiku tagħhom u xi wħud, b'mod partikolari r-Renju Unit u l-Iżvizzera, jirrikonoxxu awtomatikament bħala trasferimenti adegwati dawk it-trasferimenti ta' data lejn pajjiżi terzi li jkunu rikonoxxuti bħala adegwati mill-Kummissjoni; barra minn hekk, il-Ġappun adotta, b'mod parallel mad-deċiżjoni ta' adegwatezza Ewropea, id-deċiżjoni ta' adegwatezza tiegħu stess għat-trasferimenti mill-Ġappun lejn l-Unjoni Ewropea.

Biex jibqgħu legalment sodi, id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza jeħtieġ li jiġu evalwati regolarment. Jistgħu jkunu wkoll ta' natura temporanja, meta jiġu identifikati riskji partikolari ta' diverġenzi leġiżlattivi.

Barra minn hekk, il-GDPR jipprevedi għodod oħra ta' trasferiment, bħal klawżoli kuntrattwali standard, li huma l-għodod ta' trasferiment l-aktar użati, regoli korporattivi vinkolanti u salvagwardji xierqa fi strumenti legalment vinkolanti oħra. Dawn huma essenzjali minħabba li l-mekkaniżmu ta' adegwatezza huwa eżiġenti ħafna u għalhekk mhuwiex possibbli li jsir mal-pajjiżi terzi kollha, minkejja li t-trasferimenti ta' data huma meħtieġa. Barra minn hekk, il-klawżoli kuntrattwali standard huma għodda ta' trasferiment li qed tinfirex f'ħafna pajjiżi terzi.

Ir-rwol tat-trasferimenti ta' data personali f'fora kummerċjali u politiċi internazzjonali

Il-kwistjoni tal-flussi internazzjonali ta' data personali f'negozjati kummerċjali bilaterali u plurilaterali, kif ukoll f'fora multilaterali bħall-G7 u l-G20, kisbet dimensjoni strateġika f'dawn l-aħħar snin. Ħafna drabi hija marbuta mal-kwistjoni ta' trasferimenti ta' data mhux personali, li huma wkoll strateġiċi ħafna, iżda jirrigwardaw sfidi differenti. Il-Presidenza Franċiża wettqet eżerċizzju ta' mmappjar biex tidentifika klawżoli u dikjarazzjonijiet relatati mat-trasferimenti ta' data personali f'dan il-kuntest, filwaqt li enfasizzat xejriet ewlenin f'dan il-qasam u l-importanza ta' koordinazzjoni b'saħħitha fil-livell nazzjonali u Ewropew, sabiex jiġu żgurati pożizzjonijiet konsistenti fil-fora kollha. Tħejja rapport tal-Presidenza f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, fil-Forum ministerjali għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku tat-22 ta' Frar 2022, ġiet iffirmata dikjarazzjoni konġunta dwar il-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali mill-Unjoni Ewropea, l-Awstralja, Comoros, il-Ġappun, l-Indja, il-Korea t'Isfel, Mauritius, New Zealand, Singapore u s-Sri Lanka, li jirrappreżentaw aktar minn żewġ biljun persuna.

Barra minn hekk, diversi organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-*Asia-Pacific Economic Cooperation* (APEC) u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), indirizzaw il-kwistjoni ta' trasferimenti internazzjonali ta' data personali u fil-fora multilaterali qed jitfaċċaw gradwalment mudelli kompetituri.

Trasferimenti ta' data personali: sfida ta' sigurtà u ġudizzjarja ewlenija

L-użu dejjem akbar ta' għodod diġitali fl-oqsma kollha, u b'mod partikolari fil-fenomeni kriminali, jikkontribwixxi biex il-kwistjoni tat-trasferimenti ta' data ssir sfida kruċjali f'termini ta' sigurtà u tal-ġlieda kontra l-kriminalità. Il-possibbiltà tal-kondiviżjoni ta' data mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi spiss hija deċiżiva; trasferiment huwa possibbli biss f'konformità mal-qafas legali Ewropew u f'qafas konsistenti mad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Negożjati internazzjonali bħal dawn jistgħu jgħinu biex jippromwovu l-istandard Ewropew u jtejbu l-konverġenza globali.

Għalhekk, in-negożjar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data kellu rwol importanti fin-negożjati dwar it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità. Il-pożizzjonijiet Ewropej ġew ikkoordinati mill-Kummissjoni Ewropea. Dan probabbilment ser ikun il-każ ukoll fil-kuntest ta' negożjati dwar abbozz ta' Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ġlieda kontra l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u ta' komunikazzjoni għal finijiet kriminali.

Barra minn hekk, ġew innegozjati u ffirmati, jew jinsabu fil-proċess li jiġu nnegozjati diversi ftehimiet bejn l-Unjoni u diversi pajjiżi terzi (l-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada) dwar it-trasferimenti ta' data hekk imsejħa PNR (*Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri*); din id-data, li l-kumpanniji tal-ajru huma obbligati jiġbru mill-passiġġieri, tinkludi informazzjoni bħall-isem tal-passiġġier, id-dati tal-vjaġġ, l-itinerarju, in-numru tas-sit, data dwar il-bagalji, id-dettalji ta' kuntatt tal-passiġġier u l-mezz ta' ħlaq li ntuża. Wara opinjoni mogħtija fis-26 ta' Lulju 2017 mill-QĠUE, mitluba mill-Parlament Ewropew, ir-rekwiżiti tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward it-trasferimenti ta' data tal-PNR ġew iċċarati.

Barra minn hekk, il-kwistjoni tat-trasferimenti ta' data personali hija wkoll kwistjoni importanti fil-kuntest ta' ċerti programmi jew ftehimiet bilaterali relatati mal-programm tal-ħruġ ta' viża jew l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża.

Dwar il-*Privacy Shield*, il-Kummissjoni ser tiġi mistiedna mill-Presidenza tippreżenta s-sitwazzjoni attwali ta' dawn id-diskussjonijiet mal-Istati Uniti u l-ministri ser jiġu mistiedna jirreaġixxu, b'mod partikolari, għall-prospett ta' deċiżjoni ta' adegwatezza ġdida għat-trasferimenti lejn l-Istati Uniti u l-garanziji li jidhru essenzjali f'dan il-kuntest.

Huma ser jiġu mistiedna wkoll iwieġbu l-mistoqsija li ġejja: peress li t-trasferimenti internazzjonali ta' data personali saru sfida strateġika ewlenija f'diversi oqsma importanti tal-politika pubblika, taqbel li, b'riżultat ta' dan, jeħtieġ li d-diversi atturi istituzzjonali, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-Kunsill jimplimentaw b'mod uniformi politika Ewropea koerenti u ambizzjuża?